Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Numru. 63/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Norbert Ciappara**
**vs**
**Etienne Camilleri**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Etienne Camilleri ta' 25 sena mwieled Mtarfa fit-23 ta' Frar 1977, iben Patrick u Mary nee' Abela, residenti Block A Flat 4, Qasam Hal Tmiem, Zejtun, ID 104277M.**

**Akkuzat talli fil-granet ta' bejn is-17 ta' Marzu 2002 u il-11 ta' Marzu 2002**

**(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-u¿u ta'**

**persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolu¿i (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu¿i Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-u¿u tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**(c) ukoll talli fis-17 ta' Marzu 2002 u l-granet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn it-tliet imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn l-**

**imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsima 4 u 6 , l-Artikoli 8(a), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kap 101 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' 16-il xahar u ghal hlas ta' multa ta' 1165 Euro, liema multa tista' tithallas fuq perjodu ta' 18-il xahar. Jekk din il-multa ma tithallasx fiz-zmien moghti lilu, din tinbidel fi tliet xhur prigunerija. Wara li rat l-Artikolu 253 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti li flimkien jitilghu ghal 751.28 Euro, liema hlas jista jsir fi zmien 15-il xahar ukoll.**

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------